**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 475/97

John Sevasta

vs

Korporazzjoni Telemalta u b' digriet tal-14 ta' Marzu 2000 Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

Illum 13 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament f'Novembru 1992 ir-rikorrent gie mcahhad minn promozzjoni ghall grad ta' Head of Operations mill-Korporazzjoni intimata' oltre dan gie trasferit ingustament f'Awwissu 1991.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:

F'Awwissu 1991 gie trasferit minn Operations Officer B'Kara fejn kien ilu mill-1986) ghal San Giljan. Fuq talba tieghu biex jigi investigat it-transfer twaqqaf Bord ta' Inkjesta li pero' gie xolt ghal ebda raguni wara li zamm seduta wahda biss. Biex jigi gustifikat it-transfer inbdew proceduri dixxipplinari kontra tieghu liema proceduri kienu fazulli u *frame up* u gie sospiz ghal sitt gimghat *half pay* arbitrarjament.

Illi fl-10 ta' Novembru 1992 gie mahtur bhala Head of Operations certu Alex Pace meta suppost inhatar hu. Ta' min jghid li membru tal-Bord tal-Interviews kien Maurice Tanti Burlo li kien bicca wahda ma' dan Alex Pace u jahdem fl-istess ufficcju mieghu. Meta Pace irtira fl-1994 ghal darb'ohra inqabez u nhatar Charles Zammit li gie moghti *direct appointment.*

Illu hu kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz ta-xhieda indikati fl-elenku li jindika wkoll il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li l-korporazzjoni intimata tappuntah Head of Operations minn dik id-data li jidrilha xieraq u/jew jigi kumpensat bis-somma ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Telemalta li eccepiet:

Illi mhux minnu li saret xi forma ta ingustizzja mar-rikorrent John Sevasta kif indikat minnu fir-rikors tieghu prezentat quddiem dan t-Tribunal.

Illi l-fatti li taw lok ghal pretenzjonijiet frivoli tar-rikorrent kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent beda l-impieg tieghu mal-Korporazzjoni Telemalta fit-22 ta' Mejju 1978 bhala Telecom operative u baqa' hekk impjegat sat-28 ta' Lulju 1980 meta gie *promoted* ghall-Clerk 1 u ghall-*Operative Officer* fl-1 ta' Ottubru 1986.

Illi fil-21 ta' Lulju 1992 is-Sur Sevasta fl-laqgha li kellu mal-General Manager, dak iz-zmien is-Sur Anthony Debono huwa kien gie informat verbalment illi huwa kien ser jigi tasferit mis-sezzjoni hekk imsejha "OPS" f'Birkirkara ghal dik tat-Telegrafija f'San Giljan u dana peress illi skond l-istess management it-tmexxija tieghu f'dik it-taqsima ma kienitx dik mistennija minnu u kien ikun ajhar illi jsir tali *transfer*.

Illi s-Sur Sevasta l-ghada tat-22 ta' Lulju 1992 permezz ta' ittra li ggib l-istess data {ara Dok TMC01} huwa fost bosta allegazzjonijiet illi ghad iridu jigu msemmija u trattati fil-kors tas-smiegh tar-rikors, talab anzi irrakomanda lill-General Manager biex jigi mahtur kumitat imparzjali biex jinvestiga l-attivitajiet tieghu bhala *Acting Head* tas-section li taghha hu kien responsabbli. Huwa fl-istess ittra irrakomanda li l-istess kumitat kellu jinvestiga ukoll lis-subalterni tieghu fl-istess section, investigazzjoni li kienet tkun f'waqtha biss kieku saret meta huwa kien fid-dover li jitlob jew li jirraporta dwarha u jaqdi sew id-dmirijiet tieghu ta' Kap ta' dik it-taqsima u mhux juza l-istess biex jwarrab minn fuqu l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal fuq ohrajn.

Illi fis-7 ta' Awissu 1992 is-Sur Sevasta gie trasferit ghat-taqsima Telegrafija San Giljan. Illi t-talba tas-sur Sevasta biex issir investigazzjoni fil-fatt giet milqugha u gew mahtura is-Sinjuri R. Azzopardi Caffari, Anthony Rizzu u Hubert Warrington ghal dan il-ghan izda tali investigazzjoni baqghet ma gietx konkluza.

Illi minhabba f'hekk u biex tali investigazzjoni ma tibqax ma ssirx gie inkarigat is-sur John Saliba biex jinvestiga u jirraporta rigward l-istess liema rapport {ara Dok TMC 02} gie konkluz u moghti bil-miktub lis-Sur John Camilleri Deputy Chairman kopjat ukoll lic-Chairman u lill-General Manager.

Illi l-istess rapport ma jhalli l-ebda dubju li l-agir tal-Korporazzjoni fir-rigward tas-Sur Sevasta kien korrett u jimmerita anke konferma minn dan l-Onorabbli Tribunal.

Illi l-ilment tas-Sur Sevasta fir-rigward tal-promozzjoni bhala *Head of Operations* li huwa deherlu li ma nghatatx lilu minhabba illi membru tal-bord of Interviews kien "bicca wahda ma dan Alex Pace" li eventwalment inghata l-promotion, huwa totalment mhux f'loku u zbaljat dana kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Illi l-ahhar ilment tas-Sur Sevasta u cioe' dak illi huwa gie maqbuz meta fit-18 ta' Mejju 1994 gie mahtur is-Sur Charles Zammit bhala *Head of Customer Services Unit* huwa ukoll minghajr bazi. Kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, tali *promotion* saret wara rakkomandazzjoni diretta mill-*Management* li giet approvata ukoll mill-Bord tad-diretturi prerogattiva li certament ghandu jkollu Bord li jmexxi Korporazzjoni tal-portata bhat-Telemalta.

Ghaldaqstant hija talbet lil dan t-Tribunal illi jichad it-talbiet tar-rikorrent kontenuti fir-rikors tieghu tal-15 ta' Settembru 1997 fl-ismijiet juq indikati bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li hadem ta' Operations Officer mat-Telemalta minn Ottubru 1986 u kien l-assistent dirett tal-"Head of Operations" is-Sur John Buhagiar. Meta Buhagiar kien irtira f'Novembru 1987 bil-pensjoni kien baqa' jnamministra din it-taqsima wahdu. Meta fl-1989 gew mahtura erba' Operations Officers ohra fit-taqsima tas-servizzi assistiti mill-Operaturi sostna li kien kostrett jibqa' jamministra din it-taqsima ghaliex kien l-aktar Operations Officer anzjan fis-servizz.

Fit-8 ta' Awissu 1991 baghat ghalih il-General Manager is-Sur A. Debono u fil-presenza tas-Sur A. Bartolo kien qallu li kien ircieva xi lmenti dwaru minghand il-Ministru. Hu kiteb lill-Ministru. Talab li jekk kien hemm xi dubji dwar nuqqassijiet amministrattivi minn naha tieghi dawn kienu liberi li jaghmlu inkjesta. Din l-inkjesta qatt ma saret.

Fil-21 ta' Lulju 1992 rega' baghat ghalih is-Sur A. Debono u qallu li kien ser jaghtih transfer ghaliex kienu regghu saru xi allegazzjonijiet dwaru mal-Ministru u li huwa kellu pressjoni kbira biex inehhih minn

fejn kien. Oggezzjona u anke talab li ssir inkjesta. Xorta gie trasferit minn B'Kara ghal San Gorg. Il-GWU ipprotestat kontra t-trasferiment tieghu bil-miktub mas-Sur A. Debono. Wara saret l-ewwel laqgha tal-Bord ta' Inkjesta mitluba minnu. Wara gie infurmat li l-Bord ta' Inkjesta kien gie xolt. Mar jipprotesta ghand il-Ministru Zammit Dimech ghal mod ingust ta' kif gie trasferit u ghal fatt li l-Bord ta' Injesta mitlub minnu kien gie xolt.

Fil-15 ta' Settembru 1992 harget is-sejha ghall-applikazzjoni ghal post ta' Head of Operations" (Management circular 31/92). Resaq ghall-interview ghalkemm il-GWU kienet ipprotestat ghall-mod kif harget ic-cirkolari, u li ma kellix fiducja fic-Chairman tal-Bord tal-Ghazla, u r-rappresentant tal-GWU gie irtirat. Is-Sur M. Tanti Burlo' dak iz-zmien kien qieghed fl-istess ufficcju mas-Sur Alex Pace fejn huma t-tnejn kienu jaghmlu parti mill-istaff tas-Sur A. Debono GM.

Semma li bejn Ottubru 1986 u is-7 ta' Awissu 1992 is-Sur Alex Pace qatt ma kien involut fit-tmexxija tas-servizzi tal-190/194/133. Is-Sur Alex Pace ma kien jifhem xejn dwar dawn is-servizzi. Id-dmirijiet ta' Head of Operations kienu jinkludu r-responsabilita' ta' tmexxija kemm tas-servizzi tat-Telegrafu kif ukoll dawk is-servizzi tal-190/194/133. Qabel gie appuntat Head of Operations (3 ta' Novembru 1992) is-Sur Alex Pace qatt ma qeghda id-dmirijiet ta' Head of Operations.

Kien gie rakkomandat li jsir Alex Pace u li r-rikorrent jigi mahtur bhala “understudy” tas-Sur Alex Pace.

Meta s-Sur Alex Pace irtira mix-xoghol gie mahtur b’direct appointment is-Sur Charles Zammit Senior Technical Officer bhala Head Customer Services Unit. Is-Sur Charles Zammit qatt u bl-ebda mod ma kien assocjat jew kellu xi esperjenza fit-tmexxija taz-zewg taqsimiet. Huwa lanqas biss kien eligibbli biex japplika ghal grad ta’ Head of Operations, meta harget is-sejha ta’ applikazzjonijiet (31/91) f’Settembru 1992.

In kontro ezami r-rikorrent semma li l-ilment tieghu huwa li nharget promozzjoni fl-1992, ghas-sejha ghall-applikazzjoni ghall-grad ta’ Head Operations u kien applika flimkien ma’ erbgha ohra, kif wkoll mill-fatt li inghata transfer qabel ma harget din il-call for application. Mistoqsi ghaliex jahseb li kellu jiehu l-promozzjoni minflok Alex Pace, semma li qabel l-elezzjoni ta’ l-1987, Alex Pace kien gie trasferit mit-Taqsima tat-Telegrafija ghall-istores waqt li kienu ghaddejin investigazzjonijiet dwar frodi. Sa dak iz-zmien hu kellu l-grad ta’ telegrafist. Kien qed jaghmel xoghol li m’ghandu x’jaqsam xejn mal-grad tieghu. Fl-1987 huwa sab ruhu fl-ufficcju tas-segretarjat tas-Sur Debono li dak iz-zmien kien il-General Manager. Ir-rikorrent kien qed jassisti fil-grad ta’ Operation Officer lill-Head of Operations John Buhagiar. Pace ma kellu x’jaqsam xejn fix-xoghol tieghu mal-190 u 194.

Sostna li hu qaleb is-sistema ta' l-overseas ghal wahda kompjuterizzata, waqt li Alex Pace qatt ma ha sehem f'dan ix-xoghol.

L-Inginier Anthony Rizzo xehed li kien Chairman ta' l-Interviewing Bord ghall-grad ta' Head of Operations f'Awissu ta' l-1992. Kellhom ikunu tlieta, wiehed minnhom rapprezentant tal-GWU kien qal li mhux se jattendi u kienu komplew bi tnejn. Kienu ddecidew li Alex Pace kien l-aktar wiehed addattat ghall-post. Ftakar li r-rikorrent kien Head of Operations fit-telephone side u ftakar li Alex Pace kien xi haga fit-telegrafija, ghalkemm ma ftakarx ezatt x'kien il-grad tieghu.

Ftakar li Sevasta kien mexxa b'success it-taqsima tal-194, 190, u 133. Ftakar li kien sar suggeriment biex ir-rikorrent isir understudy, liema suggeriment sar mill-interviewing bord stess. L-intenzjoni taghhom kienet li meta kellu jispicca Alex Pace biz-zmien kellu jilhaq s-Sur Sevasta.

John Baldacchino li fl-1987 li spicca Assistant Head Customer Service Unit, xehed li meta spicca s-Sur Buhagiar bhala Head of Operations assuma r-responsabbilita minfloku John Sevasta. Fl-1988 John Sevasta kien fuq ir-rikorrent.

Lino Debono Segretarju tat-Taqsima tal-Kommunikazzjoni u Energija fil-GWU semma li ghall-habta ta' l-1992 kien kellmu John Sevasta in konnessjoni ma' xi nkjesta kontra tieghu u transfer. Inkitbet ittra mill-Union.

Semma li l-bord tal-promozzjoni baqa' sejjer minghajr membru wiehed li kien maghzul mill-GWU. Qal li l-collective agreement tat-Telemalta ta' dak iz-zmien ma kienx jindika li jekk ikun hemm mill-lista tal-GWU l-bord tal-promozzjonijiet ma jistax isir. Xehed: "Nghid li fil-fatt wara dan il-collective agreements gew rrangati biex jindika li l-union tkun tista' tinnomina membru wiehed partikolari f'kull bord. Mistoqsi kinitx saret dik il-laqgha li kienet intalbet minn John Camilleri fir-rigward tas-Sur John Sevasta nghid li kienet saret u jidhirli li kien ntlahaq agreement li Sevasta jinghata l-promozzjoni skond fejn kien fis-seniority u fis-sezzjoni tal-customer service unit. Nghid li dan l-agreement gie ffirmat f'Awissu 1993…"

John Saliba li f'Mejju tan-1992 nhatar segretarju tal-bord tad-diretturi tal-korporazzjoni Telemalta semma li kien f'dak il-perjodu li gie inkarigat jaghmel rapport fuq ir-rikorrent. Ic-Chairman kien qallu biex jintervista lill-operators li kienu taht is-Sur Sevasta. Ma kienx avza lis-Sur Sevasta b'dan u lanqas biss intervistah. Talabhom jghidulu kif kienu qed ihossuhom fl-atmosfera li qed jahdmu fiha.

Fl-affidavit tieghu David Buttigieg Executive Principal mal-Maltacom irrefera ghat-tliet aspetti msemmija fl-ilment tar-rikorrent:

**1. Trasferiment u sospensjoni fl-1992**

Fit-22 ta' Lulju 1992 is-Sur Sevasta kiteb lill-General Manager dwar laqgha li kellhom bejniethom il-jum ta' qabel jigifieri fil-21 ta' Lulju 1992 fejn il-General Manager kien informa lis-Sur Sevasta li kien ser

jigi trasferit mis-Sezzjoni ta' l-OPS f'B'kara ghal dik tat-Telegrafija f'San Giljan wara allegazzjonijiet ta' tmexxija hazina minn naha tas-Sur Sevasta. Fl-ittra tieghu s-Sur Sevasta talab li jitwaqqaf Bord indipendenti sabiex jinvestiga dawn l-allegazzjonijiet. Eventwalment is-Sur Sevasta gie trasferit fit-taqsima tat-Telegrafu f'San Giljan b'effett mis-7 t’ Awissu 1992.

Originarjament il-General Manager kien hatar is-Sinjuri R Azzopardi Caffari, Tony Rizzo u Herbert Warrington sabiex jaghmlu din l-investigazzjoni. Fil-fatt din l-investigazzjoni min-naha ta' dawn il-persuni qatt ma saret. Eventwalment din l-investigazzjoni saret mis-Sur John Saliba, dak iz-zmien Segretarju tal-Bord tad-Diretturi. Rapport dettaljat gie mibghut lid-Deputy Chairman fil-31 t'Awissu 1992. Sadanittant fil-5 ta' Mejju 1993, is-sur John Camilleri, Deputat Chairman, talab lil Ingrid Dalmas, Agent Kap ta' l-Internal Audit u s-Sur Alex Pace, Head Operations sabiex jaghmlu rapport dwar l-uzu tal-"passwords" fl-OPS Section B'Kara meta kien ghadu in-charge is-Sur Sevasta. Rapport dettaljat intbaghat lid-Deputy Chairman fl-24 ta' Mejju 1993. Min-naha tieghu is-Sur Camilleri ghadda r-rapport ghall-attenzjoni tac-Chairman fil-25 ta' Mejju 1993. Fit-8 t'Ottubru 1993, id-Deputy Chairman baghat kopja tar-rapport lill-General Manager fejn infurmah li fuq il-bazi ta' dan ir-rapport huwa ghandu jibda' proceduri dixxiplinarji kontra s-Sur Sevasta. Izda ma ttiehdu ebda passi dixxiplinari dwar dan. Qatt ma tkomplew il-passi dixxiplinari dwar dan.

Fid-29 t’ Ottubru 1993, is-Sur Sevasta gie moghti c-charge relattiv mar-rapport ta' Ingrid Dalmas u Alex Pace bid-data ta' l-24 ta' Mejju 1993. Fit-3 ta' Novembru 1993, is-Sur Gustav Cuschieri li kien irtira bhala Operations Officer fl-4 ta' Ottubru 1993, kiteb lic-Chairman li s-Sur Sevasta kien mar ghandu d-dar u heddu. Fuq bazi ta' dan ir-rapport, ic-Chairman Dr Richard Galea Debono ordna li lis-Sur Sevasta ghandu jinhariglu charge u jigi sospiz immedjatament peress li kien hedded xhud. Is-Sur Sevasta gie eventwalment sospiz b'nofs paga b'effett mid-9 ta' Novembru 1993. Madankollu l-passi dixxiplinarji kontra s-Sur Sevasta qatt ma tkomplew. Huwa rega' dahal ghax-xoghol fil-15 ta' Dicembru 1993 wara li bhala gest ta' rieda tajba, fl-okkazjoni ta' l-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv il-Ministru ghat-Trasport u Komunikazzjoni rtira s-sospensjoni lil dawk kollha, inkluz is-Sur Sevasta, li dak iz-zmien kienu sospizi mix-xoghol.

Is-Sur Sevasta tilef in-nofs tal-perjodu li dam sospiz jigifieri bejn id-9 ta' Novembru 1993 u l-15 ta' Dicembru 1993.

**Promozzjoni ghal Head Operations fl-1992**

Fil-15 ta' Settembru 1992 harget sejha ghall-applikazzjonijiet sabiex timtela vakanza fil-grad ta' Head of Operations. Is-Sur Sevasta applika sabiex jigi kkunsidrat ghal dan il-post. Huwa gie fit-tieni post b'67 marka. Il-persuna li giet fl-ewwel post (Alex Pace), u allura appuntat Head of Operations b'effett mit-2 ta' Novembru 1992, gab 75 marka. Esebixxa kopja tar-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla.

**Promozzjoni ghal Head of Customer Services Unit**

Fid-9 ta' Marzu 1994 is-sur Stephen Muscat, Head Marketing, ghamel rakkomandazzjoni diretta lill-General Manager sabiex wara li jirtira s-Sur Alex Pace mill-grad ta' Head of Customer Services Unit (regraded minn Head of Operations) jiehu l-hatra certu Charles Zammit li kien jokkupa l-grad ta' Senior Technical Officer.

Fl-10 ta' Marzu 1994, il-General Manager ikkorrobora mas-sottomissjonijiet tas-Sur Muscat u ressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu ghal konsiderazzjonijiet tal-Bord tad-Diretturi sabiex is-Sur Charles Zammit jinghata hatra diretta fil-grad ta' Head of Customer Services Unit. Fl-10 ta' Marzu 1994, il-Bord tad-Diretturi approva l-hatra tas-Sur Zammit fil-grad ta' Head of Customer Services Unit b'effett minn meta kien ser jirtira s-Sur Alex Pace jigifieri mit-18 ta' Mejju 1994. Ta' min wiehed jinnota li dak iz-zmien il-Management kellu l-prerogattiva li jaghti hatra diretta minghajr ma tohrog sejha ghall-applikazzjonijiet.

**KONKLUZZJONIJIET:**

It-Tribunal mhux kuntent xejn dwar kif graw l-affarijiet f'dan il-kaz u dan minhabba li hafna decizzjonijiet huma minn tal-anqas strambi hafna. Dwar il-promozzjoni ghal Head of Operations fl-1992, wara sejha ghall-applikazzjonijiet, saru l-interviews. Jinghad mill-ewwel li wara li intghazel il-Bord wiehed minnhom irtira. Hu veru li dak iz-zmien ma kien hemm ebda obbligu li jkun hemm rappresentant tal-Union, izda minn-naha l-ohra jekk wiehed irtira dan kellu jigi

sostitwit b'persuna ohra u mhux jibqghu tnejn biss. Fir-rapport ta' dak li fadal mill-Bord, fuq Sevasta intqal "was tacitly accepted as the natural successor to Mr John Buhagiar, the retired Head of Operations…During this period he has shown a sense of duty and initiative both of which have proved beneficial to the Corporation in tangible cost-effective terms as well as in improved efficiency. Spiccaw biex irrakkomandaw li jiehu l-post Alex Pace, u li r-rikorrent ikun understudy "thus assuring continuity on the area of Operations on Mr Pace's retirement…" Gie ezibit ir-rizultat finali izda minghajr breakdown tal-marki – haga li ma tirriflettix tajjeb fuq is-socjeta` intimata.

Irrizulta li r-rikorrent ghamel zmien jahdem bhala Assistant tal-Head of Operations John Buhagiar. F' dan l-istadju meta hargu l-applikazzjonijiet jidher li kien hemm xi nuqqas ta' ftehim mieghu mill-management izda li fil-fatt f' ebda mument matul il-kors tal-kawza ma gie pruvat xi nuqqas minn naha tar-rikorrent. Issemma li Alex Pace kien jaghmel parti mill-istaff tal-General Manager izda hu qatt ma kien involut fit-tmexxija tas-servizzi konnessi ma' dawn l-operations. Alex Pace qatt ma qeda dmirijiet ta' Head of Operations. Sal-1987 Alex Pace kellu l-grad ta' Telegrafist. Skond Rizzo stess li kien ic-Chairman tal-interviewing board, ir-rikrorent kien mexxa b' success it-taqsima in kwistjoni. Dan it-Tribunal isib ferm stramb fic-cirkostanzi li Alex Pace kelu jgib 75 marka waqt li r-rikorrent 67 marka meta skond id-diversi xhieda xogholu kien jaghmlu tajjeb u kellu sens ta' inizjattiva u kapacita` u kien qieghed fl-istess sezzjoni u

specifikament assistent tal-Head of Operations. It-Tribunal m' hu xejn kuntent ukoll anqas bil-mod tad-direct appointment ta' Charles Zammit u dan minhabba l-fatt li jhoss li direct appointment hija haga wisq diskrezzjonali u ghandha tigi uzata biss f' cirkostanzi eccezzjonali li ma jidhirx li kien il-kaz u dan specjalment wara li kienet saret rakkomandazzjoni mill-bord biex ir-rikorrent jinghata promozzjoni wara certu zmien. Ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata u jhoss li r-rikorrent kellu jinghata din il-promozzjoni.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll dwar it-transfer li nghata li hu hass li kien totalment ingust. Hawn it-Tribunal mhux sejjer jidhol fil-fond tal-mertu ta' din il-kwistjoni minhabba l-fatt li kull kumpens li ghandu jinghata lir-rikorrent dwar dan l-aspett sejjer jigi kopert ukoll taht l-ewwel ilment tal-promozzjoni. Aktar u aktar li r-rikorrent ma batiex danni specifici materjali. Izda fl-istess hin it-Tribunal ihoss li ghandu jikkummenta li kienet decizjoni stramba hafna tal-awtoritajiet li fil-proceduri dwar l-inkjesta fuq ir-rikorrent jitqabbad propju Alex Pace biex jaghmel rapport relativ ghal Sevasta li precedentement kien konkorrent tieghu ghall-promozzjoni. Jissemma wkoll li fil-fatt anqas is-socjeta` intimata ma hadet passi dixxiplinarji ulterjuri fil-konfront tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata jilqa' t-talba tar-rikorrent dwar il-promozzjoni ghal Head of Operations fl-1992 u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-

rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Head of Operations b'effett mit-3 ta' Novembru, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.